MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 276/2003

**Perit Emanuel Zammit et**

**vs**

**Carmel Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur **ippremetta:**

- illi fil- 5 ta’ Novembru 1997, il-konvenut iffirma sitt (6) kambjali favur l-attur, ta’ l-import komplessiv ta’ wiehed u hamsin elf seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM51,750);

- illi mill-imsemmija sitt (6) kambjali li lkoll immaturaw, il-konvenut hallas kambjala wahda ta’ l-import ta’ disat elef lira Maltin (LM9,000) u ghalhekk fadallu jhallas il-hames kambjali l-ohra (li kopja taghhom hija

hawn annessa u mmarkati Dok. EZ1 sa EZ5) li jammontaw komplessivament ghall-tnejn u erbghin elf lira Maltin u seba mija u hamsin lira Maltin (LM42,750);

- illi l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-atturi l-imghax kummercjali fuq dawn il-hames (5) kambjali, liema imghax ghandu jigi kalkolat mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala;

- illi sal-lum il-konvenut hallas l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) bhala akkont tal-imsemmi imghax;

- illi ghalhekk il-konvenut fadallu ihallas lill-atturi s-somma ta' wiehed u hamsin elf mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM51,173.23) u dana kif jirrizulta mill-anness prospett Dok. EZ6;

- illi dan il-kreditu tal-atturi huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata Dok. EZ7;

- illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

**Talab** ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandiex din l-Qorti:

**1.** Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

**2.** Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' wiehed u hamsin elf mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM51,173.23) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datat 19 ta' Lulju 2001, tal-mandat ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentati kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghax kummercjali ulterjuri mid-29 ta' Jannar 2003

sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur Perit Emanuel Zammit; u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut Carmel Chetcuti debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deheret.

Ikkunsidrat:

Illi mill-affidavit ta’ l-attur Emanuel Zammit jirrizulta li l-konvenut huwa debitur ta’ l-istess attur u ta’ martu fis-somma ta’ wiehed u hamsin elf mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM 51,173.23), rapprezentanti import ta’ hames (5) kambjali iffirmati favur tieghu mill-konvenut fil-5 ta’ Novembru 1997 u l-imghax kummercjali fuq l-istess kambjali kalkolat mid-data ta’ skandenza ta’ kull kambjala sat-28 ta’ Jannar 2003, oltre l-imghaxijiet kummercjali ulterjuri fuq l-istess kambjali sad-data tal-pagament effettiv, liema kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tieghu l-konvenut ma jista’ jkollu l-ebda difiza kontra dan il-kreditu.

Illi l-istess Perit Emanuel Zammit xehed fit-02 ta’ Mejju 2003 fis-sens li l-ammont pretiz minnu ghadu dovut fl-intir tieghu mill-konvenut, u pprezenta l-originali tal-kambjali.

Ghaldaqstant, peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa’ t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra is-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------